Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet

Illum 2 ta' Frar 2022

Qiegħed, għan-nom tal-uffiċċjali tad-Dwana firmatarji tad-dokument A anness, inressaq petizzjoni dwar inġustizzja li sofrejna fejn ġejna mċaħħda mid-dritt li nibbenefikaw mill-penzjoni tas-Servizz.

Qegħdin nirrikorru quddiem l-istituzzjoni tal-Parlament wara li l-investigazzjoni T0128 tal-Ombudsman sabet li "min ilmenta kien sofra inġustizzja u rrakkomandajt li l-Gverm jimxi skont is-sejħa għall-applikazzjonijiet li kienet saret meta min ilmenta applika għall-kariga ta' Gwardjani u Uffiċċjali tad-Dwana", u wara li din ir-rakkomandazzjoni ma ġietx aċċettata mill-Gvern.

Dan il-fatt kien ikkonfermat mid-domanda parlamentari li saret mid-Membru Parlamentari Ryan Callus lill-Ministru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal bin-numru 24190 fit-18 ta' Jannar 2022.

Għaldaqstant nitolbok tressaq din il-petizzjoni quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet għall-kunsiderazzjoni tal-Membri Parlamentari.

Tislijiet,

E. Caruana

Emanuel Caruana
I.D. 43854(M)